**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 11/17** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2017 |
| **Ħin:** | 6:20pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku |
| | Stephanie Fenech - Viċi-Sindku |
| | Amanda Abela - Kunsilliera |
| | Claude Camilleri - Kunsillier (sas-7:10pm) |
| | Dorcas Camilleri - Kunsilliera |
| | Joan Agius - Kunsilliera |
| | Raymond Caruana - Kunsillier |
| | Sean Chircop - Kunsillier |
| | Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| | Angelo Caruana - Assistent Prinċipali |
| Skużati | Joseph Hales - Kunsillier |
| | Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **11.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **11.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **11.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **11.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **11.05** | **Proġetti Kapitali** |
| **11.06** | **Dekasteri tal-Kunsilliera** |
| **11.07** | **Ħatriet tal-Bord għall-evalwazzjoni tal-offerti** |
| **11.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **11.09** | **Affarijiet oħra** |
| **11.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

Is-Sindku resqet għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv, għal estensjoni tal-*leave* sabiex jiġi trasferit mis-sena 2017 għal sena 2018 li jammonta għal 130 siegħa. Agius ipproponiet filwaqt li Camilleri ssekonda. Il-Kunsill qabel nem.con

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 1. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa lis-Sindku, li s-Sur Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba raġunijiet familjari (ittra annessa). | |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2. | 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 10/17 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet | |
| 11. | 2. | 2 | 10.09.10 | Viċi-Sindku | Tinqara Jannar minflok Diċembru | |
| 11. | 2. | 3 | | Agius | Semmiet li nominat lis-Sur Joe Attard għal Ġieh ir-Repubblika kif ukoll lil Elio Lombardi li ma tnizzlux fil-minuti. | |
| 11. | 2. | 4 | 10.09.02 | Chircop | Trid tiġi pittura minflok ritratt tas-Sur Attard | |
| 11. | 2. | 5 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2. | 6 | | Sindku: Laqgħa mal-*Gal Xlokk* | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha l-ewwel laqgħa mal-Gal Xlokk fejn issemmew diversi proġetti u fuq dan ser jinagħtaw iktar dettalji l-quddiem. Ser ikun hemm capping ta' €60,000 u miżuri oħra mifruxa fuq 5 snin. Is-Sinjura Agius żiedet ukoll dwar kif ser jitqassmu dawn il-fondi. | Sindku |
| 11 | 2. | 7 | | Sindku: Triq Alfredo Cachia Zammit | Is-Sindku qalet li ntbagħtet ittra lill-Ministri tat-tielet distrett u lill-Ministru Ian Borg fejn fiha esprimit id-dwejjaq speċjalment tar-residenti għad dewmien tax-xogħol. Ir-risposta kienet li TM ser jgħaddulna iktar informazzjoni. Kien ukoll laqgħa mal-*WSC* fejn spjegaw x'sar u x'baqa jsir. Ser jieqaf ix-xogħol ghal festi tal-Milied. Ser issir laqgħa dwar Traffic Management tal-istess żona. | Sindku |
| 11 | 2. | 8 | | Sindku: Laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindku | Sindku infurmat il-Kunsill li attendew għal laqgħa hi u l-Viċi-Sindku kif ukoll Agius f'isem il-partit. Semmew diversi suġġetti fosthom dwar ir-reġjuni u semma wkoll l-*SMS Warrior* fej il-Kunsill jista' jiġbor dettalji mingħand residenti biex jintbagħtu dettalji tal-attivitajiet. Viċi-Sindku tat spjegazzjoni dwar kif tista' taħdem. | Viċi-Sindku |
| 11 | 2 | 9 | | Camilleri: Ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Xrobb l-Għaġin | Camilleri staqsa fiex wasal il-proċess għat -tranġar tal-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Xrobb l-Għagin. Is-segretarju spjega li l-applikazzjoni sottomessa għadha qieghda tigi evalwata u l-Kunsill għad m'għandux il-konferma li din hi aċċettata. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 2 | 10 | 10.02.03 | Abela: Triq Nikola Attard | Staqsiet dwar x'sar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-*meeting* ma' sarx ma' TM. | Hales |
| 11 | 2 | 11 | 10.02.06 | Viċi-Sindku: *Skate Park* | Il-Viċi-Sindku qalet li r-rampa żżarmat mill-ħaddiema tagħna. Proponiet li ssir rampa tal-konkos u tiġi approvata li ma fihiex periklu. Il-Kunsill qabel dwar dan. | Viċi-Sindku |
| 11 | 2 | 12 | 10.02.10 | Camilleri: Blokk O Ħal Tmin | Staqsa dwar ix-xogħol ta' pavimentar fid-dħul tal-blokka. Agius qalet li l-*meeting għadu* ma' sarx. | Agius |
| 11 | 2 | 13 | 10.02.12 | Caruana: Camera | Caruana staqsa jekk tistax terġa ssir camera fi Triq il-Ħotba u jekk jistax jiddawal il-post biex jinqagħtu l-abbużi. Ser niktbu l-entitajiet dwar din it-talba. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 2 | 14 | 10.02.14 | Agius: Pantomima | Agius staqsiet min ser jattendi għax il-biljetti qed jinbiegħu b'mod mgħaġġel ħafna. | Agius |
| 11 | 2 | 15 | 10.03.07 | Agius: *Festivals Malta* | Agius qalet li attendiet għas serata fejn ġiet ippreżentata bl-award *EFFE* li l-attivita' Żejt iż-Żejtun kisbet wara li laħqet livell għoli ħafna. | Agius |
| 11 | 2 | 16 | 10.03.10 | Agius: Triq il-Għadam | Agius staqsiet dwar l-aċċess minn Triq President Anton Buttugieg għal din it-Triq. Ser issir laqgħa fuq il-post ma uffiċjali ta' TM. | Hales |
| 11 | 2 | 17 | 10.09.01 | Agius: Triq imsemmija għas Sindku | Agius staqsiet dwar fiex wasal il-proċess. Ser niċċekjaw mas-Sur Hales dwar dan. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 2 | 18 | 10.09.02 | Agius: Pittura tas-Sur Attard | Wara diskussjoni dwar min jista' jaħdem dan il-portrait, ġie maqbul li jintagħżel is-Sur Spagnol minħabba n-natura speċifika tax-xogħol. | Agius |
| 11 | 2 | 19 | 10.09.11 | Caruana: Tabelli tal-ġemellaġi | Caruana semma dwar fejn jistgħu jitwaħħlu t-tabelli li jindikaw ma' min għandu ġemellaġi l-Kunsill. Issemma maġenb il-monument fid-daħla minn tal-Barrani għaż-Żejtun. | Caruana |
| 11 | 2 | 20 | | Agius: Vettura tal-Kunsill | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kellu laqgħa flimkien mas-Sindku u s-Sur Adrian Attard fejn infurmhom li l-*capping* tal-kwotazzjonijiet ser jiżdied għal €5000, ladarba iżda jinġabru 3 kwotazzjonijiet. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 2 | 20 | 10.09.12 | Chircop: Hike / żjara l-anzjani | Chircop qal li dan sar u kien suċċess. Semma wkoll li fis-16 ta' Diċembru żaru l-anzjani fejn kantaw għanjiet u ħadu gost ħafna. | Chircop |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/16. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | | Sindku: Żvilupp fiż-żona Industrijali ta' Bulebel | Ser niktbu lill-Planning Authority sabiex inġibu iktar informazzjoni dwar l-iżvilupp li ser isir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 2 | 3 | Ħatra ta' Health and Safety Officer | Il-Kunsill qabel li jiġi maħtur s-Sur Hales. Ser niċċekjaw miegħu jekk jaċċettax. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 3 | 5 | LCA - Kampanja Suq bil-Għaqal | Ser tiġi identifkata l-persuna ideali għal din il-kampanja. | |
| 11 | 3 | 4 | 12 | James Aquilina - Ħsara fil-vettura | Ser niċċekjaw jekk dan hux intitolat li jagħmel il-*claim* mill-*insuarnce.* | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 5 | | PA - Permessi | Ġew iċċekjati mill-lista provduta u ser isir kumment sabiex jinżamm il-karattru fuq l-applikazzjoni PA10723/17 | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

**11. 5. Proġetti Kapitali**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 5 | 1 | | Sindku: Proġett Ġnien San Girgor | Is-Sindku spjegat li l-*playing field* ta' Ġnien l-Għanneja ser jingħata dimensjoni oħra b'apparat ġdid fosthom *Zip Line, Playhouse* u *Gazebo* li ser isservi bħala *reading area*. Dan ser ikun qiegħed jiġi diskuss mal-Perit sabiex jitħejjew il-pjanti u l-estimi neċessarji kemm għal l-apparat tal-logħob kif ukoll għal pavimentar. | Segretarju Eżekuttiv u Sindku |

**11. 6. Dekasteri tal-Kunsilliera**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 6 | 1 | | Sindku: Dekasteri | Is-Sindku tat ftit informazzjoni dwar it-tibdiliet li saru fid-dekasteri. Is-Sinjura Camilleri ser tingħata r-responsabilitajiet li kellha s-Sindku minbarra l-Fondi tal-EU, l-Viċi-Sindku inatgħat ir-responsabilita' taż-żgħażagħ u sport kif ukoll relazzjonijiet barranin u ġemellaġi. Is-Sur Hales żdied ukoll bir-responsabilita' tal-ġbir u l-immaniġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali. | Sindku |

**11. 7. Ħatriet tal-Bord għall-evalwazzjoni tal-offerti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Bord ta' evalwazzjoni tat-*tenders* | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser ikun hemm tibdil dwar kif ser jibdew jiġu aġġudikati t-tenders. Qal li jridu jinħatru Avukat, Accountant u persuna oħra mill-qasam ta' tip ta' tender li jkun ser jinħareġ. Ser naraw dwar dawn l-iżviluppi. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 8 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 8 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 11/17 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 8 | 3 | | *Petty Cash* - Novembru 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €78.05 | Segretarju Eżekuttiv |

**11 9 Affarijiet oħra**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 9 | 1 | | Viċi-Sindku: Applikazzjoni tal-*Human Rights* | Il-Viċi-Sindku tat informazzjoni dwar żewġ kotba b'tip ta' logħob li jista' jsiru sabiex jiġi mgħallem il-*Human Rights* u li jsiru korsijiet fuq 4 t'ijiem ma' 30 persuna għas-Sajf li ġej u hemm *capping* ta' €6,000. | Viċi-Sindku |
| 11 | 9 | 2 | | Camilleri D: Sqaq fi Triq Luqa Briffa | Camilleri semmiet li rċiviet ilment li hemm sqaq li għandu problema ta' ilma meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku qalet li ser naraw x'jista' jsir dwar dan. | Sindku |
| 11 | 9 | 3 | | Camilleri D: Ġnien Brejġu | Camilleri qalet li hemm xi ġebel maqlugħ. Is-Sindku qalet li ser insibu l-ħin sabiex dawn jissewwew. | Sindku |
| 11 | 9 | 4 | | Chircop: Kunċert | Chircop informa li fit-30 ta' Diċembru ser isir il-kunċert u ser ikunu mistiedna l-Joy Gospel Singers. Ser jingħata t-Trofew Karlu Diacono għal aqwa bandist u s'issa ikonfermaw lill-Isaac Scicluna mill-Għaqda Banda Żejtun kif ukoll l-Għoti tat-Titlu Citta' Beland. | Chircop |
| 11 | 9 | 5 | | Chircop: Kitbiet | Chircop informa li qed jintlaqaw l-applikazzjonijiet għal kitbiet. Ser ikun hemm 4 kategoriji. Ippropona wkoll li l-premju Frans Baldacchino jingħata għal poeżija u Lino Psaila għad-djalett. | Chircop |
| 11 | 9 | 6 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li għal Ġieh iż-Żejtun ser jimxu fuq l-istess regoli li hemm bħalissa u ser issir fid-19 ta' Marzu. | Chircop |
| 11 | 9 | 7 | | Chircop: Grupp Filateliku | Chircop qal li l-grupp ser joħroġ sensiela ta' bolol b'niċeċ tal-lokal f'Jannar. | Chircop |
| 11 | 9 | 8 | | Chircop: Latrina f'Misraħ ir-Reppublika | Chircop staqsa dwar għalfejn għada magħluqa. Ġie spjegat li sar xi xogħol u ser niċċekjaw mal-kuntrattur biex naraw li tnaddfet u terġa tinfetaħ. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 9 | 9 | Chircop: Post fi Triq L-Isqof Emm.Galea | Chircop staqsa dwar post abbandunat, Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew infurmati immedjatament il-pulizija bil-periklu li | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 9 | 10 | Chircop: Triq Luqa Briffa | Chircop staqsa dwar barrier ħamra li qed ikun hemm biex jinżamm parkeġġ. Ser isir rapport lill-pulizija. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 9 | 11 | Caruana: Triq id-Dwiemes | Caruana qal li rċieva lment li mhux qed ikun hemm kennies f'din it-triq. | Hales |
| 11 | 9 | 12 | Caruana: Triq Santu Wistin | Caruana qal li hemm problema kbira ta' traffiku u qed issir ħsara l-bankini. Ġie diskuss dwar x'jista' jsir biex din il-problema tissolva. | Hales |
| 11 | 9 | 13 | Agius: Żjara lill-anzjani | Agius informat lill-Kunsill li l-Kids Club ser jagħmlu żjara lill-anzjani. | Agius |
| 11 | 9 | 14 | Agius: Party tal-Kids Club | Agius qalet li l-festin ser isir fil-31 ta' Diċembru u l-prezz huwa ta' €5. | Agius |
| 11 | 9 | 15 | Agius: Żjara il-presepju f'Għajnsielem | Agius qalet li l-attivita' annwali ser issir fis-6 ta' Jannar. | Agius |
| 11 | 9 | 16 | Agius: Artisti Serbi | Agius qalet li bħalissa hawn żewġ persuni mis-Serbja li qed jgħixu ż-Żejtun u ser nistednuhom sabiex jaraw il-Kunsill. | Agius |
| 11 | 9 | 17 | Agius: Berġa | Agius informat lill-Kunsill li qed tipprova tiltaqa' mall-uffiċjali sabiex isir rinovar. | Agius |
| 11 | 9 | 18 | Camilleri: Donazzjoni ta' kotba | Informa lill-Kunsill li kellu donazzjoni ta' 10 kaxxi li ser jgħaddu l-Librerija. | Camilleri |
| 11 | 9 | 19 | Camilleri: Triq Ħal Tarxien | Camilleri informa lill-Kunsill li għandu informazzjoni li l-Gvern applika għal permessi sabiex tingħata t-tarmac l-biċċa d-dejqa. | Camilleri |

**11 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv